# <u>Press release kongunta bejn l-Ghaqda Studenti tat-Teologija, Moviment Kattoliku Studenti Universitarji and University Chapalincy – 07/10/09</u>

Irridu nwasslu l-apprezzament taghna ghall-ispirtu sabih li kellna fi Fresher's Week, spirtu ta' ko-operazzjoni bejn l-ezekuttivi u spirtu ta' interess reciproku bejn l-ghaqdiet f' dak li l-huma jirrapprezentaw u li jahdmu ghalih.

Napprezzaw ukoll l-idea tajba hafna li jigi allokat spazju ghad-dibattitu. Infakkar f' dak li qal ir-Rettur ta' l-Universita' fil-ftuh ta' Freshers li hi l-esperjenza li tikseb mill-Universita' li taghmel il-gradwat u mhux ic-certifikat.

Ma nistghux nghidu l-istess ghall-kampanja li xi kumpaniji u organizzazzjonijiet li abbinaw il-prodott taghhom mal-condom. Ahna nistaqsu, x' kien hemm edukattiv f' dawn il-kampanji? X'impressjoni ta' l-Universita' inghataw l-istudenti ta' l-ewwel sena fl-ewwel jiem taghhom fuq il-campus?

Ghalhekk f' isem Ghaqda Studenti tat-Teologija, Moviment Kattoliku Studenti Universitarji u Chaplaincy ta' l-Universita' irridu nwasslu d-dizappunt ta' ghadd ta' studenti li hassewhom urtati bl-atteggjamenti ta' kumpaniji u organizzazzjonijiet li ghazlu li juzaw il-condom bhala parti mill-istrategija biex ibieghu il-prodott taghhom jew biex iwasslu l-messagg taghhom. Zgur li billi tinbotta l-condom f' ezercizzju tas-suq – tal-marketing – mhux atteggjament responsabli biex issir formazzjoni u edukazzjoni sesswali xierqa kif shaqna fuqha matul is-snin fil-Kumitat Politika Socjali (kumitat fi hdan il-Kunsill Studenti Universitarji - KSU). L-impenn ghal edukazzjoni sesswali xierqa jixhduh il-KSU Health Policy tal-15 ta' Marzu 2006 u l-emendi li saru fil-KSU Sexual Health Policy fi Frar ta' 2009.

Il-maturita' ta' l-istudent ghandha tigi rispettata. Is-sesswalita' u l-persuna ta' l-istudent mhix xi haga li tista' toqghod tilghab biha.

Brian Gialanze'

President

Ghaqda Studenti tat-Teologija

Dorian Sciberras

President

Moviment Kattoliku Studenti Universitarji

Fr Michael Bugeja sj

University Chaplain